**Laqgħa Ġenerali Annwali – Gozo Business Chamber**

**21 ta' Frar 2024**

**Queen Maru University of London, Malta Campus**

Diskors tal-Konklużjoni
Joseph Borġ

---

Onorevoli Ministri, Onorevoli Membri Parlamentari, Sinjuri mistiedna, Membri tal-Kamra tan-Negozju għal Għawdex, Ħbieb.

Anqas temmen kif igerrbu s-snin! Din hi l-ħames sena li l-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-Kamra tan-Negozju għal Għawdex qed issir hawnhekk, fl-iskola ta' Barts, jew aħjar il-*Queen Mary University*. U din hija s-sitta u l-aħħar darba li jiena qed nindirizza l-egħluq tal-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-Kamra tan-Negozju għal Għawdex. L-ewwel darba li għamilt l-indirizz tiegħi kien biss ftit xhur wara li ġejt maħtur president tal-Kamra wara li f'Settembru tal-2018, ħalliena għall-għarrieda Joseph Grech, il-president ta' qabli.

<u>25 SENA ĦAJJA</u>

Fil-bidu ta' din is-sena li tfakkar il-ħamsa u għoxrin sena ħajja tal-istess Kamra tan-Negozju għal Għawdex nixtieq nibda dan l-indirizz billi nfakkar lill-presidenti tal-istess Kamra, ibda minn John Magro, l-ewwel president, Dr Michael Caruana, it-tieni president, Joseph Grech li segwih, Michael Grech, ir-raba' president u Joseph Grech, il-president ta' qabli. Kollha kelli x-xorti naħdem viċin tagħhom, ħafna żmien bħala segretarju u oħrajn bħala viċi President. Bihom fuq quddiem insiġna storja ta' ħamsa u għoxrin sena suċċess. Suċċess għall-Kamra u suċċess għal Għawdex. Dan sar bil-kooperazzjoni sħiħa tal-membri tal-kunsill f'kull żmien. Fl-esperjenza li għandi fit-tmexxija ta' din il-kamra ma nistax ma nkunx rikonoxxenti lejn il-membri kollha li kienu jiffurmaw il-kunsill f'dawn l-aħħar snin; persuni ta' kompetenza liema bħalha li ġibdu ħabel wieħed, taw pariri f'waqthom, issaportjaw lill-kamra u lit-tmexxija tagħha b'mod diżinteressat, ikkontribwew bil-ħin tagħhom u bil-ħila tagħhom, biex il-kamra u Għawdex jimxu l-quddiem. U ta' dan, jiena f'ismi u f'isem il-Kamra, grat bla qies. Il-ħidma fejjieda li wettaqna flimkien, ħalliet, qed tħalli u se tkompli tħalli frott li tibbenefika minnu mhux biss l-kommunita' tal-*business* f'Għawdex imma wkoll Għawdex kollu.

## IL-VALUR TAL-VOLONTARJAT

Biex inkompli ma' dan li qed ngħid, dan l-aħħar għaddejt sagħtejn ħelwin f'diskursata flimkien ma Dr Michael Refalo. Dr Refalo ġie inkarigat biex jikteb l-istorja tal-*Gozo Business Chamber* fl-okkażjoni tal-ħamsa u għoxrin sena mit-twaqqif tagħha. Staqsieni fuq il-bidu tal-Kamra u qsamna xi dettalji interessanti li k'Alla jrid jidhru aktar il-quddiem fil-publikazzjoni nnifisha. Il-Kamra għaddiet minn ħafna. Interessanti kien, li fit-twaqqif tagħha kien hemm min ħaseb li l-eżistenza tagħha (jiġifieri tal-Kamra tagħna) kienet se tkun ta' theddida għall-primat tal-assoċjazzjoni tiegħu.

Mhux ser noqogħod ngħid ħafna fuq hekk imma jekk xejn din il-kitba ser tikkonferma ħaġa waħda. Kif diġa spjegajt fil-bidu, it-tmexxija tal-Kamra dejjem saret minn nies li taw ħinhom b'mod diżinteressat. Kemm il-presidenza, l-uffiċjali, kif ukoll l-membri tal-Kunsill dejjem kienu volontarji li kkontribwew mill-esperjenza tagħhom biex mexxew din il-Kamra b'sagrifiċċju personali mhux żgħir. Il-Kamra hija *NGO* imma hija wkoll istituzzjoni li akkumpanjat lill-*business* Għawdxi tul dawn l-aħħar ħamsa u għoxrin sena. Ikun żbaljat min jitkellem b'mod ġenerali u jpoġġi dell ikraħ fuq *l-NGOs* u jalludi li dawn huma xi parassiti tal-Gvern. Ċertament l-*NGOs* jirċievu xi kontribuzzjonijiet mingħand il-Gvern imma r-riżorsi li jagħti l-Gvern m'huma xejn għajr investiment li jirrendu lilu u lill-pajjiżna ferm aktar minn dak imwieżen. Mhux li kien li l-flus kollha li jinvesti l-Gvern jirrendulu daqs dak li huwa jirċievi lura mill-NGOs. Ħaġa oħra intenni. Li kieku ma kienx il-volontarjat, il-Kamra tan-Negozju għal Għawdex ilha li spiċċat u taret mar-riħ u dan bħal ħafna istituzzjonijiet oħra fil-gżira ċkejkna tagħna. Ejjew nagħtu ġieħ lil min illum għadu jagħti ħinu bla ħlas...fuq kollox huwa dan, wieħed mill-elementi li jagħmel lill-Għawdex gżira unika.

## IL-GŻEJJER PROTAGONISTI

Kif tafu l-*Gozo Business Chamber* għal dawn l-aħħar snin kellha f'idejha l-presidenza tal-Insuleur. Għal min mhux daqshekk familjari l-INSULEUR hija l-Assoċjazzjoni li tiġbor fija l-Kmamar tal-Kummerċ tal-Gżejjer tal-Unjoni Ewropeja. Il-mandat tal-*Gozo Business Chamber* għall-presidenza tal-Insuleur ġie mġedded sa' Ġunju ta' din is-sena. Bħala president tal-Insuleur dan l-aħħar kont qiegħed Ateni biex nindirizza laqgħa organizzata mill-*Greening the Islands Foundation*. Din kienet it-tielet darba li ndirizzajt laqgħat f'isem l-Insuleur f'din il-belt li tisħaq bir-raġun li fija ssawret il-bidu taċ-ċivilta' Ewropeja.

F'laqgħa li attendejt għaliha f'Novembru tal-2021 li fiha ġie ċċelebrat is-sehem tal-gżejjer Griegi fl-ekonomija tal-Greċja fl-okkażjoni tal-mitejn sena mill-

indipendenza tal-Greċja kont stqarrejt mingħajr tlaqlieq li l-Greċja ma tistax titqies bħala Greċja mingħajr il-gżejjer tagħha. Imbagħad fil-laqgħa li kellna f'Ateni f'Diċembru li għadda bħala laqgħa ġenerali annwali tal-Insuleur, filwaqt li fakkart dak li kont għidt f'Ateni sentejn qabel, sostnejt illi l-Ewropa ma tistax titqies u tissejjaħ Ewropa mingħajr il-gżejjer tagħha. U l-istess ħaġa ser intenni hawn il-lejla. Malta waħedha bħala gżira tista' tissejjaħ Malta daqskemm Għawdex jista' jissejjaħ Għawdex bħala gżira. Imma Malta ma tistax tissejjaħ nazzjon mingħajr Għawdex; Malta mhix Malta mingħajr Għawdex.

Għaliex qed ngħid dan fis-sena fejn pajjiżna qed jiċċelebra s-sittin sena mill-indipendenza tiegħu, il-ħamsin sena minn meta pajjiżna sar Repubblika u l-għoxrin sena mis-sħubija ta' pajjiżna fl-Unjoni Ewropea? Għaliex? Se nirrispondi billi nikkwota parti minn diskors li għamilt ix-xahar li għadda f'Ateni wkoll. Ma kienetx parti mid-diskors ippjanat imma kienu saru diversi kummenti u jien komplejt magħhom billi għidt illi min fin-nazzjonijiet ifassal il-*policies*, fil-gvernijiet ċentrali, dawk li jqassmu l-*budgets* nazzjonali, dawn kollha għandhom tendenza komuni, tendenza illi jinsew lill-gżejjer; tafu meta l-gżejjer jieħdu l-ewwel post tal-attenzjoni tagħhom, staqsejt? Il-gżejjer ikunu fuq quddiem nett tal-lista' meta jiġu biex jippjanaw il-*holidays* tagħhom. U ma naħsibx li Malta hija l-eċċezzjoni. Almenu l-esperjenza tiegħi hekk ittini x'nifhem.

Ma jistax ikun li l-gżejjer jibqgħu ilaqqtu minn dak li jaqa' minn fuq il-mejda. Il-gżejjer iridu jaqilbu ta' taħt fuq din is-sitwazzjoni. U la qed nitkellmu fuq Għawdex aħna rridu naħdmu biex dan ikun protagonista fil-*policies* tan-nazzjon u mhux fil-periferija.

Għandna opportunita' biex dan iseħħ, u kultant ġa qiegħed iseħħ, imma rridu naħdmu ferm aktar flimkien biex dan iseħħ bil-qawwa. Għawdex għandu jipparteċipa bħala protagonista fl-ekonomija Maltija u l-opportunitajiet, kollha hemm qegħdin.

<u>GĦAWDEX PROTAGONISTA' FL-AMBJENT</u>

Bħala Kamra tan-Negozju għal Għawdex aħna jinteressana mill-kwalita' tal-ħajja ta' kull min jgħix u jaħdem f'din il-gżira. Għax hija l-kwalita' ta' ħajja aħjar li fuq kollox tiġbed aktar nies ta' kwalita lejn gżieritna u b'hekk jiġi ġġenerat aktar *business* u sussegwentament aktar xogħol fil-gżira. U l-kwalita' ta' ħajja aħjar tiddependi mill-ambjent li aħna nikkrejaw fil-madwar tagħna.

Ilna snin, u mhux sena waħda biss, bħalma kien hemm min ftaħar, niddiskutu mal-Gvern dwar il-bżonnijiet partikulari ta' Għawdex fl-ambjent. Biss biss

sentejn ilu f'din l-istess okkażjoni kont stqarrejt, "Bħala Kamra tan-Negozju għal Għawdex sostnejna u qed insostnu li ma jistax ikun li f'Għawdex jiġu applikati l-istess *policies* li qed jiġu applikati għal Malta kollha. Għawdex għandu l-ispeċifiċita tiegħu u għalhekk il-*policies* għal Għawdex iridu jkunu differenti. Għejjejna naraw kostruzzjoni, u għadna irridu naraw kostruzzjoni, li ma tirrispettax l-ambjent ta' madwarna. F'ġieħ is-sewwa għaliex qed neqirdu l-ambjent li rridu ngħixu fih? Għaliex qed neqirdu l-ambjent li rridu ngħixu bih, li hu l-uniku raġuni għaliex l-barranin u l-Maltin jiġu hawn Għawdex? Kemm se ndumu naraw żvilupp li jħares biss sal-ponta ta' mnieħru, żvilupp li mhux magħmul sewwa, li se jitlef anke l-istess valur tiegħu u għalhekk żvilupp li mhux tajjeb lanqas għal min qed jinvesti?"... u komplejt ... "Ġejna mwegħdin li Għawdex ikun it-*test bed* ta' dawn is-sistemi. Sa issa dawn kienu biss wegħdiet fierħa." Dakinhar kont tkellimt hekk għax kellna indikazzjonijiet li anke minn dak inhar l-istess Ministru t'Għawdex kien jaqbel ma dak li konna qed ngħidu.

U issa, il-Ministru għal Għawdex jingħata wkoll il-portafoll ta' Ministru għall-Ippjanar u mill-ewwel niedha strateġija biex Għawdex ikun *test bed* ta' ippjanar li jrid jagħti każ tal-ambjent ta' madwaru. Iva, hekk irridu, li Għawdex ikun protagonista f'sistemi ta' bidla li wara li jiġu ppruvati Għawdex, jinfirxu mal-pajjiż kollu. Irid ikun hemm imma ħafna kuraġġ biex jittieħdu deċiżjonijiet qawwija li mbagħad jiġu mħarsa billi jkun hemm ukoll *enforcement* sura ta' nies. L-istrateġija li tintuża l-ġebla tal-franka fil-faċċata u kull fejn jidher fil-UCA għadha tkun biss bidu ta' strateġija ta' bini sostenibbli li jarrikkixxi l-ambjent. Il-Ministru mhux nieqes mill-appoġġ tagħna f'din l-istrateġija, mhux tagħna biss imma wkoll ta' assoċjazzjonijiet oħra, fosthom il-Forum Għal Għawdex li fih aħna qed nipparteċipaw. Ejjew inkomplu naħdmu flimkien biex pass wara pass inkunu ta' eżempju ta' kif għadhom isiru l-affarijiet fil-pajjiż kollu.

## GĦAWDEX PROTAGONISTA F'ENERĠIJA NADIFA

Għawdex m'għandux ikun protagonista tal-ambjent estetiku biss imma Għawdex irriduh ukoll ikun protagonista' fl-enerġija nadifa. Ilna snin intambru li hemm bżonn strategija b'saħħitha biex Għawdex ikun *carbon neutral* ferm qabel Malta. L-istess Gvern jaqbillu li dan iseħħ għaliex jiswielu ferm aktar biex iwassal l-enerġija elettrika l-bogħod minn fejn qed tiġi ġġenerata, bħal ma hu l-każ t'Għawdex. Qed isir ħafna imma kultant taħbat taqta' qalbek għaliex bil-kliem kulħadd jgħidlek kemm huma tajbin il-proposti u mbagħad bil-fatti jsir mod ieħor.

Insemmu biss eżempju żgħir. Ilna snin twal nipproponu li t-trasport pubbliku f'Għawdex jibda jsir b'mezzi aktar żgħar u sadanittant aktar frekwenti u li jkunu

jaħdmu bl-elettriċita'. Għidna kif esperiment ta' din ix-xorta jista' jsir f'Għawdex u jekk jirnexxi (kif aħna fil-fatt konvinti li ser jagħmel) mbagħad jiġi esperimentat ma' Malta kollha. Kulħadd qalilna kemm hi ideja tajba u kulħadd qabel magħna. Imbagħad f'Settembru li għadda b'ħafna pompa jiġi mħabbar li ser isir proġett pilota u tletin xarabank żgħira li ġew introdotti fuq ir-rotot madwar Malta kollha. U Għawdex baqa b'xiber imnieħer għax anqas xarabank waħda ma kien hemm minn dawn għal Għawdex.

Nafu li permezz tal-ħidma tal-*Gozo Regional Devlopment Authority* Għawdex ġie magħżul biex jipparteċipa fl-iskema ''100 climate-neutral and smart cities by 2030'' li jfisser parteċipazzjoni fi proġett ta' Horizon Europe li fi pjan ambizzjuż li jrid iwassal biex mitt belt/lokalita jsiru *carbon neutral* sal-2030. L-istess Kamra tan-Negozju għal Għawdex qed tipparteċipa fi proġett ieħor Horizon 2020 tal-Unjoni Ewropeja bl-isem MAESHA, fejn qed tirraprezenta lill-Għawdex bl-istess tema u għanijiet. Ejja flimkien nagħmlu lill-Għawdex protagonista' anke fl-enerġija rinnovabbli.

GĦAWDEX PROTAGONISTA FIS-SETTUR DIĠITALI

Ferm qabel ma' l-Unjoni Ewropeja qalet illi s-settur diġitali huwa wieħed minn żewġ triqat ta' żvilupp ġdid fl-ekonomija, sewwasew f'Ottubru tal-2019 organizzajna f'Għawdex seminar internazzjonali permezz tal-INSULEUR fejn tkellimna dwar ''Digital Transformation of European Islands''. Għalina dakinhar konna qed intennu l-ovvju. Kull gżira tbati mill-aċċessibilita' imma l-konnessjoni diġitali tissupera kull diffikulta' ta' aċċessibilita u għalhekk il-komunikazzjoni li qabel kienet impossibbli illum saret possibbli. Kull gżira permezz ta' l-aċċess diġitali ma baqgħetx gżira imma rebħet ħafna mill-intoppi tal-insularita', ħafna milll-intoppi tal-aċċessibilita'.

Illum il-gżira tagħna għandha l-*Innovation Hub* imma li ironikament mhix aċċessibbli daqs kemm wieħed jixtieq. Ma jistax ikun li l-*Gozo Innovation Hub* tibqa' vojta jew inkella timtela b'entitajiet tal- Gvern kif qed jiġri. Possibiltajiet jeżistu hemm barra u aħna bħala Kamra tan-Negozju għal Għawdex lesti li nkomplu niffaċilitaw dan id-djalogu.

AĊĊESSIBILITA'

Semmejna l-aċċessibilita' diġitali, imma ma nistgħux ma nsemmux l-aċċessibilta li Għawdex jiddependi kompletament minnha. Fi żmien meta l-popolazzjoni ta' Għawdex prattikament idduplikat ma nistgħux nibqgħu nisservew bi tlett vapuri tal-bidu tas-seklu, u ieħor li wasal warajjhom sewwa imma li hu ferm eqdem minnhom. Irridu nippjanaw għall-ġejjieni. Il-Kamra tan-Negozju għal

Għawdex tibqa ssostni li l-mezz effettiv li għandu jgħaqqad il-gżejjer huwa *sub-sea tunnel* li gżejjer ferm iżgħar minnha addottaw bħala soluzzjoni għall-aċċessibilita tagħhom. Imma issa ma nistgħux nibqgħu intellgħu u nniżżlu. Issa huwa żmien id-deċiżjonijiet.

Jekk se ssir flotta ġdida ta' vapuri dawn iridu jkunu mmexxija mill-elettriċita diretta jew permezz tal-idroġenu. Jeħtieġu infrastruttura liema bħalha imma jekk ser immorru hemmhekk ma nistgħux ma nibdewx il-proċess. Kif qegħdin bħalissa qegħdin ngħixu fuq ħajta. L-iċken waqfien ta' vapur iħarbat lill-Għawdex kif qed nesperjenzaw bħalissa. U dan għadu Frar.

L-istess l-*airfield*. Ittieħdet deċiżjoni li kulħadd qed jappoġġja imma issa hemm bżonn titħaffef l-implimentazzjoni.

Is-servizz tal-*fast ferry* qed jgħin biex tittaffa l-problema imma hemm lok għal titjib. It-*timetable* tax-xitwa b'waqfien ta' erba' siegħat f'nofs il-ġurnata mhix qed taqdi sewwa lill-utenti tagħha.

<u>L-UNIVERSITÀ QUEEN MARY, BARTS MEDICAL SCHOOL</u>

Ma nistax nagħlaq din il-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-Kamra tan-Negozju għal Għawdex fl-iskola medika ta' Barts jew kif inhi magħrufa uffiċjalment Queen Mary University of London, Malta Campus, u ma nroddx ħajr lil min qed jilqagħna hawnhekk.

L-istorja ta' din l-iskola jew aħjar Università hi storja ta' suċċess. Issa hi stabbilita sew fil-ħajja tal-kommunita' Għawdxija u jidher li tista' anke tkabbar il-preżenza tagħha fil-gzira tagħha. Kif ilna nsostnu s-snin il-Queen Mary University of London mhux biss medicina. Sa issa għadna ma ħadniex il-benefiċċju sħiħ ta' din il-preżenza. Ejjew naħdmu biex it-tisħiħ ta' din l-Universita' jkompli jseħħ.

Ilna ntennu li l-aqwa tisħiħ ta' din il-presenza huwa billi jinħoloq f'Għawdex l-isptar imwiegħed. Il-manifest elettorali tal-Gvern jistipula fil-punt 733 li Għawdex għandu jkollu sptar ġdid ta' 430 sodda. Din il-wegħda ma tistax tibqa' biss fuq il-karti. Kif dejjem irrepetejt, din l-iskola għandha bżonn dan l-isptar imwiegħed. Ħadd minnha l-Għawdxin m'għandu l-iċken dubju jekk dan l-isptar hawnx bżonnu jew le. Mhux biss Għawdex imma n-nazzjon kollu għandu bżonn dan l-isptar.

IL-FUTUR TAL-KAMRA

Semmejt fil-bidu li kelli laqgħa ma Dr Michael Refalo biex nitkellmu fuq l-istorja tal-Kamra ta' dawn l-aħħar ħamsa u għoxrin sena. Mistoqsija li għadni niftakar li għamilli kienet dwar x'qed tagħmel il-kamra biex tiggarantixxi l-futur tagħha? Fir-risposta tiegħi fakkart lill-Dr Refalo li waħda mir-riżoluzzjonijiet li kienet ħadet il-kamra meta ċċelebrat l-20 sena tagħha, kienet li tibda tieħu azzjonijiet konkreti biex tqajjem spirtu intraprenditorjali fost iż-żgħażagħ tagħna. Dan għedna li għandna ngħamluh permezz ta' korsijiet ta' formazzjoni, mentoring, internships u għodod oħra ta' din ix-xorta.

Hekk għamilna tul dawn l-aħħar ħames snin billi organizzajna b'mod annwali l-*Youth4Entrapreneurship* u issa ħadna inizjattiva ġdida li twettqet fl-aħħar jiem, il-*Crossing Borders, Bridging The Gap*.

Iż-żgħażagħ tal-lum jeħtieġu *mentoring* qawwi, imma xħin jitilqu għal rieħhom għandhom il-kapaċita' li jissorprenduna. Ejja jkollna fiduċja fil-ġenerazzjoni ġdida, ejja nagħtuhom il-qawwa ta' edukazzjoni b'saħħitha li tgħinhom jikkonfrontaw id-diffikultajiet mingħajr ma jaqgħu vittmi tagħhom u fuq kollox ejjew inkunu ta' eżempju għalihom dwar kif għandu jsir il-*business*, *business* imsejjes fuq prinċipji etiċi sodi, business li jħares il-persuna tkun ta' liema kulur tkun u ta' liema nazzjonalita hi, *business* li jirrispetta d-drittijiet ta' kulħadd, *business* li ma jfittixx il-flus akkost ta' kollox. Ma ninsewx dak li għallmuna missirijietna...il-kliem iqanqal imma l-eżempju jkaxkar.

Dan li semmejt fl-aħħar, jiġifieri li nkunu eżempju bl-azzjonijiet tagħna ta' business etiku, kienet riżoluzzjoni oħra li ħadna fit-tfakkira tal-20 sena tal-kamra. Għedna li rridu nikkontribwixxu bħala kamra biex nippropagaw business etiku. Għal tlett snin wara xulxin organizzajna konferenza dwar l-Etika fil-*Business*, li kollha kienu suċċess kbir.

Illum jiena kburi li nagħmel parti minn Kamra tan-Negozju li tħaddan u xxerred *standards* għoljin ta' integrità fid-dimensjoni ekonomika tal-ħajja f'Għawdex – standards li jħarsu rettezza mal-klijenti u l-awtoritajiet; ġustizzja mal-ħaddiema ta' kull sengħa, razza u lewn; rispett għall-ambjenti urbani u rurali, għall-komunitajiet u għall-wirt kulturali. Din hija l-eredita' li bnejna tul dawn l-aħħar ħamsa u għoxrin sena u jien konvint illi dak li bdejna se jitkompla minn dawk li ġejjin warajna.

Ejjew niġbdu ħabel wieħed biex nittrasformaw l-ekonomija tagħna. Qed nagħmlu sejħa lil-Ministeru għal Għawdex u lill-*Gozo Regional Development Authority* u Assoċjazzjonijiet oħra Għawdxin biex inkomplu nsaħħu l-isforzi

tagħna biex flimkien nirriġeneraw lill-gżira tagħna. L-opportunitajiet hemm qegħdin u aħna mistiedna u mhux biss mistedna imma huwa d-dmir tagħna li nagħtu lill-Għawdxin ekonomija b'saħħitha imma sostenibbli, f'ambjent attrajenti u san, ambjent li jixraq lill-Għawdex tagħna.

RINGRAZJAMENTI U KONKLUŻJONI

Nikkonkludi billi ngħidilkom li kien ta' pjaċir għalija u għal membri tal-Kunsill tal-Kamra nilqgħukom hawnhekk il-lejla għal Laqgħa Ġenerali Annwali tal-*Gozo Business Chamber*.

Inrodd ħajr lill-Onorevoli Ministru għal Għawdex Clint Camilleri u l-istaff tiegħu, ibda mis-segretarju permanenti s-Sur John Borg u lid-direttur Ronald Sultana tas-sapport kontinwu li dejjem irċevejna. Nixtieq ngħid ukoll grazzi lil Mario Borg, CEO tal-*Gozo Regional Development Authority*, u c-*chairman* tal-Istess Awtorita' Michael Grech, li l-Kamra kellha l-opportunita' li taħdem viċin tagħhom f'dawn l-aħħar snin. Inrodd ħajr ukoll lil membri parlamentari kollha Għawdxin li lkoll għandhom għal qalbhom il-ħidma tagħna. Dejjem nirrepeti l-istess ħaġa. Fejn għadkom bżonn is-support tagħna biex l-agenda ta' Għawdex tkun fuq quddiem, inwegħdukom li lilna issibuna dejjem warajkom. Nirringrazzja wkoll lil kollaboraturi tal-Kamra f'Ministeri u entitajiet oħra.

Qabel nagħlaq nixtieq nirringrazzja lic-Ceo Daniel Borg u lill-impjegati l-oħra tal-Kamra, Jesmond, Joanne, tal-ħidma bla waqfien tagħhom. Aktar kmieni smajtu r-rapport tal-ħidma tal-Kamra. Ma temminx li dak kollu sar minn ftit nies li jaħdmu b'għaqal u dedikazzjoni li qajla ssib bħalha. Grazzi Daniel, tal-ħames snin li għaddew fuq quddiem nett fit-tmexxija tal-Kamra u nawgurawlek snin oħra ta' ħidma fejjieda, lilek u lil sħabek.

Għal darb'oħra nirringrazzjakhom tal-preżenza tagħkom hawn il-lejla, u nistedinkom ukoll tibqgħu magħna għal ftit mumenti oħra biex nieħdu xi ħaġa flimkien. Grazzi u insellmilkom.